ŻEBBUĠ

**<u>MINUTI</u> tas-Seduta Nru. 42/09**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 3 ta' Novembru 2009**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Joseph Bajada – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Kunsillier is-Sur Harry Debono kien skużat.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku Carmelo Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

Fil-bidu tal-laqgħa, inżammet minuta silenzju bħala turija ta' rispett għall-mewt ta' Anthony Camilleri, Kunsillier tal-Kunsill Lokali Qala. Kien miftiehem li tintbagħat *sympathy card* lill-familja Camilleri u bukkett ward għall-funeral tiegħu.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 41/09

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 41/09 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Il-Kunsillier Refalo rrefera għall-Pġ. 3 l-ewwel para. u qal li hu kien ippropona li l-Kunsill kollu jkun preżenti għall-attivita`. Ittieħdet nota ta' dan fil-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti bil-korrezzjonijiet li saru u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati kif emendati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI 41/09

Il-Kunsillier Camilleri għamel referenza għall-proposta mressqa mis-Sindku fir-rigward tas-sinjali tat-traffiku fi Triq Skapuċċina u qal deċiżjoni għall-proposta ma kienx hemm u din xorta tniżżlet.
Is-Sindku poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra estratt mir-regolamenti tat-traffiku.
Is-Sindku qal li għandu talba biex tinżamm l-aċċessibilita` għal ġol-isqaq u ppropona li jkun irtirat sinjal wieħed (jiġifieri jinżamm *single yellow line*). Kien hemm oġġezzjonijiet għal din il-proposta.

Kien maqbul li ssir talba lill-Awtorita` dwar it-Trasport biex jitneħħew is-sinjali tat-traffiku li kienu saru temporanjament fi Triq Skapuċċina.

Saret diskussjoni fit-tul dwar il-problemi li jeżistu fi Triq Skapuċċina.
Is-Sindku qal wasal iż-żmien li l-problemi ta' din it-triq ikunu *tackled*.

Dwar l-ordni tat-tabelli tat-traffiku lill-Koperattiva, Camilleri staqsa din x' koperattiva hi?
Is-Sindku wieġeb li l-Koperattiva hija tal-Gvern u li t-tabelli li għandhom jagħmlu huma tal-ħadid.

Il-Kunsillier Camilleri rrefera għat-talba għal ħlas ta' Alfred Attard u qal fil-minuti ma tniżżlitx iċ-ċifra ta' €520 u ma jafx li fil-laqgħa ssemmew Triq Ħabel it-Twil u Triq Wied l-Infern. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet fil-laqgħa, hi semmiethom triq triq u fil-minuti niżżlet it-total tal-kont. Dwar it-Triq Ta' Milied, is-Sindku qal li l-qasab diġa riġgħin telgħin.

Il-Kunsillier Camilleri lmenta għall-fatt li fil-minuti ma tniżżilx l-ammont li kien ser jitħallas John Zammit għat-tisqija tas-siġar taż-żebbuġ. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-ammont ma tniżżilx fil-minuti għaliex fil-laqgħa ma ntqalitx iċ-ċifra.

Dwar l-attivita` Clean up the Sea li saret f' Marsalforn, is-Sindku qal li attenda flimkien ma' sitt voluntiera. Qal li nġabar mimli *open skip* minn ġol-baħar. Is-Sindku qal li għandna nqajjmu kuxjenza f' nofs is-sajf u mhux fl-aħħar tal-istaġun.

Is-Sindku rrimarka li fl-attivita` End of Summerfest ta' din is-sena, il-bandisti ngħataw *drinks* mingħand L' Aragosta u ta' Smugglers Cave.

Is-Sindku għarraf lill-Kamra li l-Kunsill ingħata ħaddiema tal-IPSL biex jagħmlu s-sinjali ta' ma' l-art. Il-Kunsill qabel li jinżebagħ *single yellow line* quddiem il-garaxxijiet ta' Joseph Magro fi Triq il-Ponta.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:-

Ittra mibgħuta mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar ix-xogħlijiet tat-tarmak li ser isiru fi Triq il-Forn u f' parti minn Triq Santa Marija u Triq il-Wied. Il-Kunsill approva l-ftehim propost mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jinbidel il-mejn ta' l-ilma fi Triq il-Wied (spiża ta' €1,544 għall-Kunsill).

Ittra mibgħuta mill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bis-suġġett Wirja dwar gallariji ta' l-injam u l-iskema tal-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' għotjiet ta ' flus għar-restawr tagħhom. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jospita` l-esebizzjoni għal Jum iż-Żebbuġ 2010.

Korrispondenza tat-Taqsima Kultura tal-Ministeru għal Għawdex dwar l-attivita` Lejlet Lapsi – Notte Gozitana 2010. Is-Sindku ppropona li fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina u l-miġja tal-Papa Benedittu XVI fostna, nissuġġerixxu li tittella' l-Musical 'Għeruqna' u dan għas-spejjeż tat-Taqsima Kultura. Kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku.

Komunikat ta' Joseph Zammit dwar it-Triq ta' Għajn Mhelhel u l-lapida tal-Kunsill fi Triq il-Qbajjar. Dwar il-lapida, is-Sindku qal li kien mar jaraha u sab li kienu anke kissruha. Qal li mhux il-waqt li mmissuha. Ġie deċiż li jitwaħħlu *cats eyes* (*reflectors*) fi Triq Għajn Mhelhel; jagħmel ix-xogħol Rafel Refalo.

## 5. MOZZJONIJIET

**Mozzjoni nru. 03/09**

Is-Sindku ppropona li:

"Il-Kunsill Lokali Żebbuġ imlaqqa' llum it-Tlieta, 3 ta' Novembru 2009 jitlob lill-Kummissarju tal-Artijiet biex jinbdew proċeduri biex sid dik il-parti fi Triq is-Sellum kantuniera ma' Triq il-Ponta li qiegħda tifforma mill-istess toroq wara li l-ħajt tas-sejjieħ inbidel ma' wieħed tal-kantun ċioe s-Sur Joe Magro jkun jista' jitħallas. Dan kif spjegat fuq il-pjanta tal-Perit tal-Kunsill il-Perit Edward Scerri."

Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni kienet approvata b' vot unanimu.

**Mozzjoni nru. 04/09**

Il-Kunsillier Joseph Camilleri ppropona li:

"(i) Jingħataw rendikont dettaljat tal-ħlasijiet li saru b' konnessjoni ma' dan il-Musical.

(ii) Tingħata wkoll lista ta' l-oġġetti mixtrija għal dan il-Musical, fejn qed jinżammu, jekk hiex titħallas xi kera tal-post fejn qed jinżammu u fil-każ jekk iva kemm hi din.

(iii) Biex tintbagħat kopja ġo kull dar kemm fiż-Żebbuġ u anke Marsalforn li tindika kif intefqu l-flus u kemm hu t-total."

Din il-mozzjoni kienet sekondata mill-Kunsillier Refalo.

Dwar punt (i) u (ii), kien hemm qbil unanimu li din l-informazzjoni tingħata.

Dwar punt (iii), is-Sindku qal hu ma jaqbilx
- mhux skond il-liġi.
- it-talba mhix waħda obbligatorja waqt li din lanqas biss tista' ssir għax inkunu qed nagħtu biss nofs il-verita`. Qal ara kemm kantanti u voluntiera li pparteċipaw u ma tħallsux.

Il-Viċi Sindku kkummenta dwar il-fatt li f' attivitajiet oħra qatt ma ntbagħat rendikont fid-djar.

Il-Kunsillier Camilleri qal sa fejn jaf hu m' hemm xejn fil-liġi li tgħid li ma jistax jintbagħat dan it-tip ta' rendikont fid-djar. Qal fil-każ jirtiraha.

Is-Sindku ressaq punt (iii) tal-mozzjoni għall-votazzjoni.

Favur – il-Kunsillier Camilleri u Refalo.

Kontra – is-Sindku u l-Viċi Sindku.

Is-Sindku tafa' l-*casting vote* u t-tielet parti tal-mozzjoni m' għadditx.

## 6. <u>APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET</u>

**Dawn il-pagamenti ġew approvata:-**

*Cards* tal-*mobile phone* tal-Kunsilliera (The Majestic) €300.00
*Safety shoes* għall-ħaddiema tal-Kunsill – Victor Cini u Carmel Camilleri
(Agius Industrial Supplies Ltd) €67.00
Spejjeż relatata max-xogħol li sar quddiem iċ-ċimiterju mill-ħaddiema tal-IPSL
(Francis Saliba) €29.00

Il-Kunsillier Camilleri staqsa x' xogħol għamlu l-ħaddiema ħdejn iċ-Ċimiterju? Is-Sindku qal il-ħaddiema naddfu l-*water culvert* u għamlu numru ta' pilastri bħala protezzjoni għall-grada tal-*culvert*.

| | |
|---|---|
| 2 *cartridges* tal-*printer* (Gozo Business Systems Ltd) | €50.00 |
| 2 *toner* tal-*photo copier* (Smart Office Supplies Ltd) | €96.67 |
| *Fuel* – Dokumenti oħra għall-applikazzjoni tal-UE, Ħal Luqa (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Fuel* – Management Development Programme, Furjana (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| *Fuel* – Laqgħa dwar l-Iskema ta' Energy Saving, San Pawl il-Baħar (is-Sindku Carmelo Saliba) | €25.00 |
| Kotba għall-librerija (Miller Distributors Ltd) | €262.81 |
| Kotba għall-librerija (Klabb Kotba Maltin) | €216.00 |
| Kiri u tbattil tal-*bins* tal-*bring-in site* – Settembru 2009 (WasteServ Malta Ltd) | €287.02 |
| Tindif u żamma tas-*soft areas* – Lulju – Settembru 2009 (Dipartiment ta' l-Agrikoltura) | €306.03 |
| *Contract Manager fee* – Ottubru 2009 (Galea Curmi Engineering Consultants) | €95.93 |
| Tindif ta' l-uffiċini tal-Kunsill – Ottubru 2009 (Salvina Bajada) | €44.27 |
| *Contracts Manager fee* – Awwissu 2009 (Fortunato Mifsud) | €117.86 |
| Ħjata tal-kostumi – Musical 'Għeruqna' (Rita Dimech) | €150.00 |
| Ħjata tal-kostumi – Musical 'Għeruqna' (Ċetta Saliba) | €73.80 |
| Tfassil u ħjata tal-kostumi – Musical 'Għeruqna' (Josephine Cassar) | €207.00 |
| 6 ġgieget għall-Musical 'Għeruqna' (Cassar Pet & Hobby) | €120.00 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 10-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 11-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 12-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 17-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 18-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 19-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 20-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 23-07-2009 (Power Sound) | €141.60 |

Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 24-07-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 25-07-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 26-07-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – Musical 'Għeruqna'
Provi fl-Iskola Primarja Mons G Andrea Vella 27-07-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – Musical 'Għeruqna'
Provi fiċ-Ċentru Parrokkjali 27-07-2009 (Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 28-07-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 29-07-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – Musical 'Għeruqna'
*Recordings* tal-korijiet 30-07-2009 (Power Sound) €177.00
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 31-07-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 01-08-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 02-08-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 04-08-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 05-08-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 06-08-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 07-08-2009
(Power Sound) €141.60
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 08-08-2009
(Power Sound) €177.00
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 09-08-2009
(Power Sound) €177.00
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 10-08-2009
(Power Sound) €177.00
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 11-08-2009
(Power Sound) €177.00
Servizz ta' *PA system* – provi tal-Musical 'Għeruqna' 12-08-2009
(Power Sound) €141.60
Dwal u kiri ta' video – prova ġenerali tal-Musical 'Għeruqna' 13-08-2009
(Power Sound) €4,655.10

| | |
|---|---|
| Dwal u kiri ta' video – Musical 'Għeruqna' f' Marsalforn 16-08-2009 (Power Sound) | €4,655.10 |
| 55 CDs tal-Musical 'Għeruqna' (Power Sound) | €324.50 |
| Servizz ta' *PA system* – prova ġenerali tal-Musical 'Għeruqna' 13-08-2009 (Power Sound) | €2,360.00 |
| Servizz ta' *PA system* – Musical 'Għeruqna' f' Marsalforn 16-08-2009 (Power Sound) | €2,360.00 |
| Kiri ta' *scaffolding* – Musical 'Għeruqna' 12-16/08/2009 (Power Sound) | €147.50 |
| Kiri ta' *generator* – Musical 'Għeruqna' 12-16/08/2009 (Power Sound) | €1,610.70 |
| Kiri ta' *generator* – Musical 'Għeruqna' 16-08-2009 (Power Sound) | €194.70 |
| Servizz ta' *PA system* – festin għall-*cast* tal-Musical 'Għeruqna' fl-iskola 24-10-2009 (Power Sound) | €141.60 |
| Servizzi ta' krejn u kiri ta' *container* – Musical 'Għeruqna' (Peter Paul Said) | €714.73 |
| Minerali – festin għall-*cast* tal-Musical 'Għeruqna' (Ta' Dirjanu Cash & Carry) | €304.80 |
| 500 *covers* tas-CDs tal-Musical 'Għeruqna' (Motif Media) | €153.40 |
| Kiri ta' ħwejjeġ għall-Musical 'Għeruqna' (Anton Scicluna) | €100.00 |
| Servizzi ta' *minibus* – provi tal-Musical 'Għeruqna' u ħarġiet għall-*bumping cars* (Felix Cini) | €175.00 |
| Trasport tat-tfal ta' l-iskola primarja – Settembru 2009 (Felix Cini) | €17.40 |
| Servizz ta' tlugħ tal-bnadar f' Marsalforn – sajf 2009 (Emmanuel Bezzina) | €233.00 |

Il-Kunsillier Camilleri staqsa kienx għad fadal kontijiet x' nirċievu relatati mal-Musical 'Għeruqna'?
Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li hi ma tafx.
Is-Sindku qal kellna każijiet fejn irċevejna kontijiet sena wara.

## 7. ANDAMENT TAX-XOGĦLIJIET FIL-LOKALITA`

### (a) Xogħlijiet mibdija

Is-Sindku qal Triq ix-Xwejni hija lesta mill-ewwel kisja. Is-Sindku għamel referenza għal *e-mail* tal-Perit dwar xogħlijiet li għad fadallu jagħmel il-kuntrattur fi Triq ix-Xwejni.

Dwar Triq Barda, is-Sindku qal li l-ewwel kisja għadha mhux kompluta minħabba ħajt tal-privat li għad irid jinbena. Qal meta s-sidien ilestu x-xogħol fuq il-ħajt, din il-parti tat-triq tingħalaq bil-konkos.

Il-Kunsillier Refalo semma l-konkos li l-kuntrattur kien ordnat jagħmel fit-triq li tieħu għall-inħawi ta' Taħt ix-Xifer u tkellem dwar it-tieni kisja ta' Triq ix-Xwejni. Il-Kunsill iddeċieda li t-tieni kisja ta' Triq ix-Xwejni tingħata.

Il-Viċi Sindku semma wkoll ix-xogħol ta' kisi li baqa' ma sarx fit-triq li tieħu għall-inħawi ta' Taħt ix-Xifer.

**(b) Xogħlijiet approvati**

Dwar il-kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq Santa Marija, is-Sindku qal nitolbu lill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma tindika s-servizzi tad-drenaġġ (*house connections*) difettużi.

**(c) Xogħlijiet proposti**

**<u>Il-Proġett tal-Pjazza</u>**

Kien maqbul li l-Perit jagħmel pjanta tal-proġett u fiha jinkorpora s-siġar taż-żebbuġ, *traffic management* tajjeb, iċ-ċaqliq tal-*bus shelter* u l-bankina tal-pjazza tagħqad mal-bankina ta' Triq Għajn Mhelhel.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jagħmel *refurbishment* tal-berġa. Ippropona li x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-IPSL u l-materjal jinxtara mill-Kunsill. Il-Kunsillier Camilleri qal li d-Dipartiment tas-Saħħa għandu jgħin f' dan il-proġett u ssir stima ta' l-ispejjeż involuta.

Ġie deċiż li jsir programm tax-xogħlijiet li jistgħu jagħmlu l-ħaddiema tal-IPSL (laqgħa urġenti).

Il-Kunsillier Camilleri rrefera għal ittra li dehret fil-ġurnal il-Mument tal-Ħadd l-1 ta' Novembru dwar il-bankina ta' l-appartamenti tiegħu fi Triq Għajn Mhelhel. Camilleri qal dak il-bini hu kopert bil-permess PP 3715/87/122/87 tat-8 ta' Ottubru 1987 u li l-bankina kienet saret mill-Public Works. Il-Kunsillier Camilleri tkellem dwar is-sinjal abjad mizbugħ fi Triq iż-Żebbuġ, il-fuq mill-impjant tat-tarmak u qal li hemm fejn ma jistax isir *parking* b' dan is-sinjal (il-vetturi niezla miż-Żebbuġ bil-fors ikollhom jirfsu s-sinjal). Ngħaddu l-ilment tal-Kunsillier Camilleri.

Il-Kunsillier Refalo qal li d-dwal tal-*promenade* ta' Marsalforn huma kollha mitfiegħa. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tkellem lill-kuntrattur.

## 8. SEJĦA GĦALL-OFFERTI

**Provista ta' ġarr ta' lanterni dekorattivi**

Is-Segretarja Eżekuttiva qassmet lill-Kunsillera kopja tax-*schedule of tenders* u tal-ħames offerti mitfugħa (kopja tat-technical u l-*financial offers*). Peress li l-Inġ. Curmi kien għadu ma għamilx ir-rapport tiegħu dwar l-offerti, is-suġġett ma kienx diskuss. Kien miftiehem li hekk kif l-Inġinier jgħaddi r-rapport tiegħu, issir laqgħa urġenti.

## 9. OPPORTUNITA` TA' FONDI MILL-U.E. B' RISQ IĊ-ĊĊITTADINI TAGĦNA U TA' MALETTO – SKAMBJI BEJN IL-LOKALITAJIET

Is-Sindku qal li qed jintilfu diversi opportunitajiet ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Is-Sindku ppropona li delegazzjoni mill-Kunsill tmur Maletto biex ikun jista' jitfassal programm. Il-Viċi Sindku għandu jitkellem mas-Sindku ta' Maletto. Il-Viċi Sindku qal mill-esperjenza li kellu sa issa, mhux lest li jieħu l-inkarigu biex finalment ikollu riżultat negattiv.

## 10. AFFARIJIET OĦRA

**Ingaġġ ta' skrivan/a *part-time***

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li sad-data tal-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għall-post ta' skrivan/a *part-time* kienu ntbagħtu żewġ applikazzjonijiet. Qalet li l-applikazzjonijiet huma ta' Caroline Grima u Sharon Micallef u li ż-żewġ applikanti għandhom il-kwalifiki rekwiżiti. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel intervista lil dawn iż-żewġ applikanti.
Is-Sindku qal il-Bord ta' l-Għażla għandu jkun magħmul mill-Kunsill. Il-Kunsill iddeċieda li fil-laqgħa li għandha ssir b' urġenza jipprepara sett ta' mistoqsijiet li għandhom isiru lill-applikanti waqt l-intervista.

**L-Offerta għall-ġbir ta' l-iskart imħallat**

Ġie deċiż li d-dokument ta' l-offerta jkun diskuss fil-laqgħa urġenti.

Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel sejħa pubblika għall-offerti għal kostruzzjoni ta' bankini.

Dwar l-ilment li l-Kunsill għandu fuq Triq Għajn Mhelhel, il-Kunsillier Camilleri qara *e-mail* tal-Perit dwar dan l-ilment u qal li għandu jsir bħal ma sar in-naħa l-oħra tat-triq.

Is-Sindku ssospenda l-Aġenda biex Josephine Mercieca tindirizza l-Kunsill.

## 11. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill Lokali ftiehem li laqgħa oħra tinżamm nhar it-Tlieta, 24 ta' Novembru 2009 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmelo Saliba CLJ MMLJ**
***Sindku***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***